# QORTI TA' L-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT
## ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.
## ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Frar, 2001

**Numru 3**

**Cit. Nru. 625/93 FDP**

**Catherine Grixti mart l-istess Alfred Grixti, awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali b'digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta' Frar, 1993 u b'digriet nominata kuratrici ad litem ta' ulied il-partijiet minuri Antonella, Darren, Sandra u Daniela ahwa Grixti**

**vs**

**Alfred Grixti**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili, li bih Catherine Grixti proprio et nomine talbet li dik

il-Qorti (1) tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija tal-konvenut; (2) tassenja lilha l-kura u l-kustodja ta' l-ulied minuri tal-partijiet, Antonella, Darren, Sandra u Daniela Grixti; (3) tikkundanna lill-konvenut ihallasha l-manteniment ghaliha u ghal uliedha; (4) li tordna l-likwidazzjoni b'divizjoni x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti; u (5) li tiddikjara li l-konvenut iddekada mill-jeddijiet kontemplati fl-artikoli 48 u 50 tal-Kodici Civili.

2. Rat li min naha tieghu l-konvenut ikkontesta li huwa ma kienx responsabbli ghat-tfarrik taz-zwieg, anzi huwa sostna li z-zwieg tkisser minhabba htijiet imputabbli lill-istess attrici kif jigi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Rat is-sentenza tas-16 ta' Dicembru, 1998, moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili li biha ddecidiet il-kawza billi:

(i) laqghet l-ewwel talba limitatament fis-sens li ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti peress li z-zwieg bejniethom tkisser irrimedjabbilment.

(ii) Cahdet it-tieni talba rigward il-kura u l-kustodja ta' l-erba' ulied minuri, u minflok ordnat li z-zewgt itfal il-kbar Antonella u Darren ahwa Grixti, kellhom jibqghu taht il-kura u l-kustodja tal-konvenut u li dawn kellhom jibqghu jghixu fid-dar tan-nanniet paterni, b'access lill-attrici darba fil-gimgha ghal saghtejn, filwaqt li dik il-Qorti ordnat illi z-zewg minuri z-zghar, cioe' Sandra u Daniela, jibqghu jghixu fil-kura ta' l-Istitut tas-Sorijiet Ursolini f'Hal-Tarxien. Il-konvenut inghata access ghal dawn iz-zewg minuri matul il-weekend mill-Gimgha fil-ghaxija sal-Hadd f'nofs in-nhar, waqt li l-attrici nghatat access ghal saghtejn darba fil-gimgha bi ftehim mal-Kap ta' l-Istitut imsemmi, u kull nhar ta' Hadd minn nofs in-nhar sas-sebgha ta' fil-ghaxija. Inoltre, dik il-Qorti ordnat illi waqt l-access l-attrici ma kellhiex tkun akkompanjata min-nies estraneji, specjalment irgiel. Il-Qorti wkoll ipprovdiet ghall-access ghall-Milied u l-Ewwel tas-Sena u inoltre ordnat lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Familja jibqa' jsegwi mill-qrib l-andament tal-minuri, l-aktar minhabba l-influenzi u l-problemi li huma soggetti ghalihom.

(iii) Cahdet it-tielet talba ghall-manteniment mhux biss minhabba li l-konvenut m'huwiex f'posizzjoni li jhallas manteniment, izda minhabba li l-attrici tilfet id-dritt ghall-manteniment bl-artikolu 46 (1) (d) tal-Kodici Civili u ghalhekk

cahdet it-tielet talba wkoll inkwantu qed jintalab manteniment ghall-ulieda u dana peress li m'humiex fil-kustodja taghha.

(iv) Il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba in vista tal-verbal tas-16 ta' Ottubru, 1996 fejn l-attrici rrinunzjat ghal dak li jista' kollha dritt bhala konsegwenza tar-raba' talba.

(v) Il-Qorti astjeniet ukoll milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba, peress li skond l-istess verbal tal-15 ta' Ottubru, 1996, hija kienet irrinunzjat ukoll ghal din it-talba.

Fl-ahhar nett il-Qorti ordnat li kopja ta' dik is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Harsien tal-Familja, u ordnat li l-ispejjez tal-kawza jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

4. Rat ir-rikors ta' l-appell ipprezentat mill-attrici fl-4 ta' Jannar, 1999. Ghar-ragunijiet li hija esponiet fir-rikors taghha, hija talbet illi din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-aggravji msemmija fl-istess rikors, u konsegwentement, tilqa' t-talbiet ta' l-attrici kif dedotti fic-citazzjoni taghha, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta' l-intimat appellat bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess intimat appellat.

5. Rat ir-risposta ta' l-appellat Alfred Grixti li biha sostna li l-appell interpost kellu jigi michud u dan ghar-ragunijiet li huwa spjega fl-istess risposta tieghu.

6. Rat illi fl-udjenza tat-3 ta' Marzu, 1999, din il-Qorti nnominat lill-Family Protection Officer, Yvonne Mallia, biex tinvestiga l-posizzjoni tal-minuri llum u taggorna lill-Qorti fuq x'inhu, fil-fehma taghha, l-ahjar interess tal-minuri. Din il-Qorti dderigietha biex tkellem fost l-ohrajn lill-partijiet, lit-tfal, kif ukoll lill-Awtoritajiet ta' l-Istitut ta' l-Ursolini u dderigietha biex tirrelata verbalment lill-Qorti fis-seduta ta' l-14 ta' April, 1999.

7. Rat illi fis-seduta ta' l-14 ta' April, 1999, l-imsemmija Family Protection Officer, Yvonne Mallia, ipprezentat in-notamenti ta' l-indagini taghha, kif ukoll ir-rakkommandazzjonijiet bil-miktub taghha, seduta stante. Imbaghad fis-seduta tas-16 ta' April, 1999, din il-Qorti semghet lill-imsemmija Yvonne Mallia, Family Protection Officer, kif ukoll il-partijiet u d-difensuri taghhom, u l-Qorti iddifferiet il-kawza biex jinghata Digriet kamerali provizorju, u bl-intendiment li l-appell jithalla sine die riappuntabbli fuq talba b'rikors minn xi parti, sitt xhur mid-data ta' dik is-seduta li fiha l-kawza, effettivament,

thalliet differita ‘sine die’, b’dan li ma kellhomx jghaddu t-termini fir-rigward tad-dezerzjoni tal-kawza.

8. Rat id-digriet, moghti kameralment fl-10 ta’ Mejju, 1999, li bih din il-Qorti pprovdiet provizorjament dwar kura, kustodja u access rigwardanti l-erba’ minuri tal-partijiet fis-sens li gej:

(i) afdat il-kura u l-kustodja tal-minuri Sandra u Daniela ahwa Grixti f’idejn ommhom, l-appellanti, Catherine Grixti b’effett immedjat u bid-dritt ta’ access favur il-missier Alfred Grixti, l-appellat, liema access ghandu jibda’ minn wara l-hin ta’ l-iskola mill-Gimgha u jkompli sal-Hadd ta’ wara sa’ nofs in-nhar.

(ii) Ipprovdiet li dan l-access jista’ jizdied bil-kunsens tal-minuri u ta’ l-apellanti specjalment fiz-zmien tal-vaganzi skolastici.

(iii) Wissiet lill-appellant li hija kemm jista’ jkun ghandha tevita li tesponi dawn il-minuri ghall-presenza ta’ terzi persuni tas-sess oppost li ma jkunux membri tal-familja.

(iv) Ipprovdiet li l-minuri, Sandra u Daniela ahwa Grixti, ghandhom jibqghu jattendu l-istess skola li qeghdin jattendu bhal issa ghal din is-sena skolastika.

(v) Ipprovdiet li l-kura u l-kustodja tal-minuri Antonella u Darren ghandha tibqa' fdata f'idejn il-missier l-appellat Alfred Grixti, b'access lill-omm, kull nhar ta' Ebgha wara nofs in-nhar u l-Hadd minn nofs in-nhar, ezattament kif inhuwa fil-prezent. Jekk l-istess minuri juru x-xewqa li jzuru lill-ommhom ghal tul aktar, jew anke juru x-xewqa li jkunu jixtiequ jghaddu xi lejl fid-dar taghha, il-Qorti awtorizzat li jsir dan, basta li dan isir bi ftehim bonarju tal-kontendenti.

(vi) Il-Qorti ordnat li l-kaz jibqa' jigi segwit mis-Social Worker ghall-perjodu ta' mhux anqas minn sitt xhur ohra, u dana bl-iskop li jigu salvagwardati l-ahjar interessi tal-minuri. Inoltre, is-Social Worker ghandha tiehu decizjoni dwar jekk ikunx baqa' aktar bzonn ta' monitoring u ta' l-ordni ta' harsien.

Fl-ahharnett, din il-Qorti ordnat li d-digriet kellu jigi notifikat a kura u a spejjez ta' l-appellanti lid-Direttur tal-Harsien tal-Familja, kif ukoll lill-Family Protection Officer, Miss Yvonne Mallia. L-ispejjez ta' dan id-digriet baqghu riservati ghall-gudizzju finali.

9. Wara talba ta' l-attrici, biex l-appell jigi riappuntat, trattat u deciz, liema talba ma kienetx opposta mill-konvenut, din il-Qorti rriappuntat l-appell ghas-smiegh.

10. Fis-seduta tas-17 ta' Jannar, 2001, dehru l-kontendenti u d-difensuri u gie verbalizzat hekk:-

> "Il-kontendenti jinfurmaw il-Qorti li l-arrangamenti fir-rigward tal-minuri kif puntwalizzat fid-digriet ta' l-10 ta' Mejju, 1999, qed jiffunzjona u jitolbu li jigi nkorporat f'sentenza definittiva u jiddikjaraw li kull pendenza ohra bejniethom giet regolata skond is-sentenza appellata. Jindikaw ukoll illi l-minuri huma taht Care Order u jaqblu li fil-fehma taghhom ma hemmx bzonn ta' din l-ordni. Jaqblu wkoll illi l-minuri biex isiefru kien jehtieg il-kunsens taz-zewg genituri".

11. Fid-dawl ta' dan il-verbal jirrizulta li l-provvedimenti moghtija fid-digriet provizorju ta' l-10 ta' Mejju, 1999, hadmu sewwa u hemm qbil bejn il-kontendenti li l-istess provvedimenti ghandhom jigu konfermati. Jidher ukoll li, fortunatament, il-kondizzjonijiet tat-trobbija tal-minuri tjiebu u ghalhekk, f'dana l-istadju, ma jidhirx li hemm aktar bzonn li l-kaz jibqa' segwit assidwament mid-Dipartiment tal-Harsien tal-Familja. Il-partijiet, kif diga ntqal, wrew ix-xewqa li l-Ordni tal-Harsien titnehha, pero'

din il-kwistjoni, strettament, ma tidholx fil-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti.

12. Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost b'dan il-mod:-

(i) tikkonferma s-sentenza ta' l-ewwel Qorti (a) fejn dina laqghet l-ewwel talba limitatament fis-sens li ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti peress li z-zwieg bejniethom tkisser irrimedjabilment, kif ukoll tikkonferma l-istess sentenza fejn (b) l-ewwel Qorti kienet astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-raba u l-hames talba stante rinunzja da parti ta' l-attrici, kif verbalizzata fl-atti.

(ii) tikkonferma s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, fejn din, b'riferenza ghat-tieni talba, ordnat li z-zewgt itfal il-kbar Antonella u Darren ahwa Grixti jkunu taht il-kura u l-kustodja tal-konvenut u tirrevoka l-provvedimenti l-ohra moghtija mill-ewwel Qorti dwar din l-istess tieni talba, u minflok, tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Sandra u Daniela ahwa Grixti lill-attrici ommhom. L-access tal-genituri ghall-minuri li ma humiex fdati bil-kura u l-kustodja taghhom, ghandu jkun kif provdut fid-digriet ta' din il-Qorti ta' l-10 ta' Mejju, 1999 - ezattament kif indikat fil-

paragrafu 8 (i) u 8 (v) ta' din is-sentenza, u b'dana li l-provvedimenti kontenuti fil-paragrafu 8 (ii), 8 (iii) ghandhom jibqghu jirregolaw il-kaz. Inoltre, biex il-minuri jkunu jistghu jallontanaw ruhhom minn dawn il-Gzejjer, ikun jinhtieg il-kunsens tal-kontendenti, jew tal-Qorti kompetenti, jekk dan il-kunsens jigi rifjutat li jinghata, irragonevolment.

(iii) Tikkonferma s-sentenza appellata fejn din cahdet li tilqa' t-tielet talba attrici ghall-manteniment taghha billi l-attrici tilfet id-dritt ghall-manteniment skond l-artikolu 48 (1) (d) tal-Kodici Civili; u tikkonfermaha wkoll in kwantu cahdet it-talba ghall-manteniment ghal uliedha fdati fil-kura u l-kustodja taghha b'din is-sentenza, izda dan fuq il-motiv li l-konvenut m'huwiex f'posizzjoni li jmantni lil uliedu.

(iv) Fl-ahharnett tordna li l-ispejjez kollha, kemm ta' l-ewwel u t-tieni stanza ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

Dep/Reg

mm